# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 146

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 59

3 ta' Ġunju 2016

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/879 tat-2 ta' Ġunju 2016 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-arranġamenti ddettaljati marbutin mad-dikjarazzjoni ta' konformità meta t-tagħmir tar-refriġerazzjoni, tal-arja kondizzjonata u tal-pompi tas-sħana ċċarġjat bl-idrofluworokarburi jitqiegħed fis-suq u mal-verifika ta' din id-dikjarazzjoni minn awditur indipendenti** (1) ..... 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/880 tat-2 ta' Ġunju 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 6

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881 tal-25 ta' Mejju 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni** 8

★ **Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2016/882 tal-1 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-lingwa** (1) ..... 22

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2016/883 tal-31 ta' Mejju 2016 dwar l-implimentazzjoni ta' regoli għal miżuri ta' sigurtà attwali, stati ta' allert u ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-Kummissjoni skont l-Artikolu 21 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/443 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni** ..... 25

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/884 tal-1 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/88/UE li tissospendi temporanjament l-importazzjonijiet mill-Bangladexx ta' oġġetti tal-ikel li fihom il-weraq Betel ("Piper betle") jew li jikkonsistu minnu, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha** *(notifikata bid-dokument C(2016) 3181)* ([1]) ..... 29

---

**Rettifika**

★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 tat-18 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom** (ĠU L 139, 26.5.2016) ..... 31

★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/535 tal-5 ta' April 2016 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 dwar l-entrata ta' Singapore fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji u partijiet minnhom minn fejn hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' laħam frisk** (ĠU L 89, 6.4.2016) ..... 37

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/879

**tat-2 ta' Ġunju 2016**

**li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-arranġamenti ddettaljati marbutin mad-dikjarazzjoni ta' konformità meta t-tagħmir tar-refriġerazzjoni, tal-arja kondizzjonata u tal-pompi tas-sħana ċċarġjat bl-idrofluworokarburi jitqiegħed fis-suq u mal-verifika ta' din id-dikjarazzjoni minn awditur indipendenti**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 14(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 jippermetti t-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-refriġerazzjoni, tal-arja kondizzjonata u tal-pompi tas-sħana ċċarġjat bl-idrofluworokarburi jekk l-idrofluworokarburi li jkunu jinsabu fit-tagħmir ikunu meqjusin fis-sistema ta' kwoti msemmija fil-Kapitolu IV ta' dak ir-Regolament. Meta l-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir iqiegħdu tagħmir iċċarġjat minn qabel fis-suq, għandhom jiddokumentaw il-konformità ma' dak ir-rekwiżit u jifformulaw dikjarazzjoni ta' konformità dwar dan.

(2) Huma u jfasslu d-dikjarazzjonijiet tal-konformità u d-dokumentazzjoni, jinħtieġ li jkunu previsti l-għażliet differenti li jirriflettu l-modi differenti li l-manifatturi u l-importaturi għandhom biex jiżguraw il-konformità. Dawn l-għażliet jirreferu għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir iċċarġjat bl-idrofluworokarburi li jrid jiġi awtorizzat skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, ta' tagħmir iċċarġjat b'idrofluworokarburi li qabel tqiegħdu fis-suq bl-ingrossa u li wara ġew esportati mill-ġdid u ċċarġjati fit-tagħmir barra l-Unjoni u ta' tagħmir iċċarġjat bl-idrofluworokarburi fl-Unjoni. L-importaturi u l-manifatturi jridu jibagħtu tipi ta' dokumenti differenti li jirriflettu t-tipi ta' attivitajiet differenti li dawn l-impriżi jwettqu.

(3) Sabiex ikun żgurat li d-dikjarazzjonijiet ta' konformità bbażati fuq awtorizzazzjonijiet skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 ikunu kredibbli, huwa importanti li jkun żgurat li t-tali awtorizzazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu ttraċċati. F'dan ir-rigward, dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rreġistrati kif xieraq fir-reġistru stabbilit skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament.

(4) Sabiex tingħata gwida għall-verifika minn parti terzi tad-dikjarazzjoni ta' konformità u tad-dokumentazzjoni sottostanti meħtieġa skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, għandhom jiġu stabbiliti l-ambitu ta' din il-verifika kif ukoll il-modalitajiet għat-tressiq tad-dokumenti ta' verifika.

(5) Għal raġunijiet ta' konsistenza, id-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 517/2014 iridu japplikaw mill-istess dati.

([1]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Id-dikjarazzjoni ta' konformità**

1. L-importaturi u l-manifatturi tat-tagħmir tar-refriġerazzjoni, tal-arja kondizzjonata u tal-pompi tas-sħana ċċarġjat bl-idrofluworokarburi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-tagħmir") għandhom ifasslu d-dikjarazzjoni ta' konformità msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 billi jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Id-dikjarazzjoni tal-konformità għandha tiġi ffirmata minn rappreżentant legali tal-manifattur jew tal-importatur tat-tagħmir.

2. F'każ ta' importazzjoni ta' tagħmir imsemmi fl-Artikolu 1, l-importatur għandu jiżgura li l-awtoritajiet tad-dwana jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità meta tintbagħat id-dikjarazzjoni doganali marbuta mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni.

3. Dikjarazzjoni tal-konformità tista' tirreferi biss għal awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 jekk l-awtorizzazzjoni tkun irreġistrata kif xieraq fir-reġistru stabbilit skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Id-dokumentazzjoni**

1. Għal kull tqegħid fis-suq, il-manifatturi ta' tagħmir iċċarġjat bl-idrofluworokarburi fl-Unjoni għandhom iżommu d-dokumentazzjoni li ġejja msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014:

(a) id-dikjarazzjoni tal-konformità;

(b) lista li tidentifika t-tagħmir u t-tip ta' idrofluworokarburi li jkunu jinsabu fit-tagħmir u l-kwantità totali tagħhom f'kilogrammi għal kull tip; din il-lista mhijiex meħtieġa jekk il-manifattur ikun jista' juri li l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir kienu tqiegħdu fis-suq qabel l-iċċarġjar;

(c) f'każ li l-idrofluworokarburi kienu pprovduti minn impriża oħra fl-Unjoni, in-nota tal-kunsinna jew il-fattura għall-idrofluworokarburi korrispondenti li kienu tqiegħdu fis-suq fl-Unjoni qabel;

(d) f'każ li l-manifattur tat-tagħmir ikun importa u rrilaxxa għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir qabel ma t-tagħmir ikun ġie ċċarġjat, id-dokumenti doganali rilevanti li juru li l-kwantità ta' idrofluworokarburi li tinsab fit-tagħmir ġiet irrilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni;

(e) f'każ li l-manifattur ikun importa l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir, iżda dawn ma jkunux ġew irrilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni qabel ma t-tagħmir ikun ġie ċċarġjat, prova li hemm konformità mal-proċeduri doganali rilevanti għar-rilaxx tal-kwantitajiet rilevanti tal-idrofluworokarburi għaċ-ċirkolazzjoni libera meta dak it-tagħmir jitqiegħed fis-suq;

(f) f'każ li l-manifattur ikun ipproduċa l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir u jkun iċċarġjahom fit-tagħmir tiegħu fl-Unjoni, dokument li juri l-kwantità tal-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir.

2. L-importaturi tat-tagħmir għandhom iżommu d-dokumentazzjoni li ġejja msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għal kull tagħmir kopert b'dikjarazzjoni doganali waħda għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni:

(a) id-dikjarazzjoni tal-konformità;

(b) lista li tidentifika t-tagħmir irrilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera li tipprovdi t-tagħrif li ġej:

(i) it-tagħrif dwar il-mudell;

(ii) l-għadd ta' unitajiet għal kull mudell;

(iii) l-identifikazzjoni tat-tip ta' idrofluworokarburi li fih kull mudell;

(iv) il-kwantità ta' idrofluworokarburi f'kull unità mqarreb għall-eqreb gramma;

(v) il-kwantità totali ta' idrofluworokarburi f'kilogrammi u f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-$CO_2$;

(c) id-dikjarazzjoni doganali marbuta mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tat-tagħmir fl-Unjoni;

(d) f'każ li l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir ikunu tqiegħdu fis-suq fl-Unjoni, u wara ġew esportati u ċċarġjati fit-tagħmir barra l-Unjoni, nota ta' kunsinna jew fattura, kif ukoll dikjarazzjoni mill-impriża li qiegħdet l-idrofluworokarburi fis-suq, li tiddikjara li l-kwantità ta' idrofluworokarburi ġiet irrappurtata jew se tiġi rrappurtata bħala kwantità mqiegħda fis-suq fl-Unjoni u li din ma kinitx u mhix se tkun irrappurtata bħala kwantità fornuta direttament għall-esportazzjoni fis-sens tal-Artikolu 15(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u t-Taqsima 5C tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2014 ([1]).

*Artikolu 3*

**Il-verifika**

1. L-awditur indipendenti msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għandu jivverifika d-dokumentazzjoni li ġejja u d-dikjarazzjonijiet tal-konformità tal-importatur tat-tagħmir:

(a) il-konsistenza tad-dikjarazzjonijiet tal-konformità u tad-dokumenti relatati mar-rapporti mressqin skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u t-Taqsimiet 11, 12 u 13 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2014;

(b) il-preċiżjoni u l-kompletezza tat-tagħrif mogħti fid-dikjarazzjonijiet tal-konformità u fid-dokumenti relatati abbażi tar-rekords tal-impriża tat-tranżazzjonijiet rilevanti;

(c) meta importatur tat-tagħmir jirreferi għal awtorizzazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, id-disponibbiltà ta' biżżejjed awtorizzazzjonijiet billi jqabbel id-dejta mogħtija fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 ma' dokumenti li jippruvaw li sar it-tqegħid fis-suq;

(d) f'każ li l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir ikunu tqiegħdu fis-suq fl-Unjoni u wara jkunu ġew esportati u ċċarġjati fit-tagħmir barra l-Unjoni, l-eżistenza ta' dikjarazzjoni mill-impriża li qiegħdet l-idrofluworokarburi fis-suq skont l-Artikolu 2(2)(d), li tkopri l-kwantitajiet rilevanti.

2. L-awditur indipendenti għandu joħroġ dokument ta' verifika bis-sejbiet tiegħu wara li jagħmel il-verifika skont il-paragrafu 1. Dan għandu jinkludi stqarrija dwar il-livell ta' preċiżjoni tad-dokumentazzjoni u tad-dikjarazzjonijiet rilevanti.

*Artikolu 4*

**Tressiq tad-dokumenti ta' verifika**

L-importatur tat-tagħmir għandu jippreżenta d-dokument ta' verifika msemmi fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament billi juża l-għodda tar-rappurtar imqiegħda għad-dispożizzjoni skont l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2014 sal-31 ta' Marzu ta' kull sena għas-sena kalendarja ta' qabel u għandu jindika fl-għodda s-sejbiet tal-awditur dwar il-livell ta' preċiżjoni tad-dokumentazzjoni u tad-dikjarazzjonijiet rilevanti.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jiddetermina l-format u l-mezzi għall-preżentazzjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (ĠU L 318, 5.11.2014, p. 5).

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, l-Artikoli 1 u 2 tiegħu japplikaw mill-1 ta' Jannar 2017 u l-Artikoli 3 u 4 tiegħu japplikaw mill-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**Dikjarazzjoni ta' konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [1]

Aħna [*daħħal isem il-kumpanija, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT u l-identifikazzjoni tar-reġistrazzjoni fil-portal tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra*] niddikjaraw, u responsabbli għal dan aħna biss, li meta nqiegħdu fis-suq tagħmir iċċarġjat minn qabel li nkunu impurtajna fl-Unjoni jew immanifatturajna fiha, l-idrofluworokarburi li jkunu jinsabu f'dak it-tagħmir ikunu meqjusin fis-sistema ta' kwoti msemmija fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 517/2014:

*[jekk jogħġbok immarka l-għażla jew l-għażliet rilevanti; għażla waħda jew iktar minn dawn t'hawn taħt jagħtuk kopertura taħt is-sistema tal-kwoti]*

☐ A. fiż-żmien tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, kellna awtorizzazzjonijiet maħruġin skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u rreġistrati fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, biex nużaw il-kwota ta' produttur jew importatur tal-idrofluworokarburi li huwa suġġett għall-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 li jkopru l-kwantità ta' idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir.

☐ B. [*għall-importaturi tat-tagħmir biss*] l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir tqiegħdu fis-suq fl-Unjoni u wara ġew esportati u ċċarġjati fit-tagħmir barra l-Unjoni, u l-impriża li qiegħdet l-idrofluworokarburi fis-suq għamlet dikjarazzjoni li tiddikjara li l-kwantità ta' idrofluworokarburi ġiet irrappurtata jew se tiġi rrappurtata bħala kwantità mqiegħda fis-suq fl-Unjoni u li din ma kinitx u mhix se tkun irrappurtata bħala kwantità fornuta direttament għall-esportazzjoni fis-sens tal-Artikolu 15(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u t-Taqsima 5C tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2014 [2].

☐ C. [*għal tagħmir immanifatturat fl-Unjoni biss*] l-idrofluworokarburi ċċarġjati fit-tagħmir tqiegħdu fis-suq minn produttur jew importatur tal-idrofluworokarburi li huwa suġġett għall-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

*[isem ir-rappreżentant legali u l-kariga tiegħu]*

*[firma tar-rappreżentant legali]*

*[data]*

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195).

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jiddetermina l-format u l-mezzi għall-preżentazzjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (ĠU L 318, 5.11.2014, p. 5).

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/880

## tat-2 ta' Ġunju 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 127,1 |
| | TR | 66,0 |
| | ZZ | 96,6 |
| 0707 00 05 | TR | 99,6 |
| | ZZ | 99,6 |
| 0709 93 10 | TR | 149,1 |
| | ZZ | 149,1 |
| 0805 50 10 | AR | 171,0 |
| | MA | 160,2 |
| | TR | 75,0 |
| | ZA | 188,7 |
| | ZZ | 148,7 |
| 0808 10 80 | AR | 112,0 |
| | BR | 103,6 |
| | CL | 135,6 |
| | CN | 112,1 |
| | NZ | 156,1 |
| | PE | 111,0 |
| | US | 192,9 |
| | ZA | 112,7 |
| | ZZ | 129,5 |
| 0809 10 00 | TR | 260,5 |
| | ZZ | 260,5 |
| 0809 29 00 | TR | 572,4 |
| | US | 828,7 |
| | ZZ | 700,6 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini ohra".

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2016/881

## tal-25 ta' Mejju 2016

## li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) F'dawn l-aħħar snin, l-isfida ppreżentata mill-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa żdiedet konsiderevolment u saret punt fokali ta' tħassib fl-Unjoni u fil-livell globali. L-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni jikkostitwixxi għodda importanti f'dan ir-rigward: fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' Diċembru 2012 li tistabbilixxi Pjan ta' Azzjoni biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jiġi promoss b'mod vigoruż l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bħala l-istandard futur Ewropew u internazzjonali għat-trasparenza u l-iskambju tal-informazzjoni fi kwistjonijiet ta' taxxa. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Mejju 2013, il-Kunsill Ewropew talab l-estensjoni ta' skambju ta' informazzjoni awtomatiku kemm fil-livell tal-Unjoni fik ukoll f'dak globali bil-ħsieb tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

(2) Peress li l-gruppi multinazzjonali ta' intrapriżi (Gruppi MNE) huma attivi f'pajjiżi differenti, huma għandhom il-possibbiltà li jeżerċitaw prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa li mhumiex disponibbli għall-kumpaniji domestiċi. Meta l-MNEs jagħmlu hekk, il-kumpaniji purament domestiċi, li normalment ikunu intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), jistgħu jkunu partikolarment affettwati, peress li l-piż tat-taxxa tagħhom huwa ogħla minn dak tal-Gruppi MNE. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri kollha jistgħu jsofru minn telf ta' dħul u hemm ir-riskju ta' kompetizzjoni sabiex jattiraw il-Gruppi MNE billi joffrulhom aktar benefiċċji tat-taxxa.

(3) L-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jeħtieġu informazzjoni komprensiva u rilevanti dwar il-Gruppi MNE fir-rigward tal-istruttura, il-politika tal-ipprezzar tat-trasferimenti u t-tranżazzjonijiet interni tagħhom ġewwa u barra l-UE. Dik l-informazzjoni ser tippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa jirreaġixxu għal prattiki dannużi tat-taxxa permezz ta' bidliet fil-leġislazzjoni jew valutazzjonijiet tar-riskju u verifiki tat-taxxa adegwati, u li jidentifikaw jekk il-kumpaniji wettqux prattiki li għandhom l-effett li jaqilbu b'mod artifiċjali ammonti sostanzjali ta' introjtu f'ambjenti b'vantaġġi tat-taxxa.

(4) Aktar trasparenza lejn l-awtoritajiet tat-taxxa jista' jkollha l-effett li tagħti inċentiv lill-Gruppi MNE sabiex jabbandunaw ċerti prattiki u jħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' taxxa fil-pajjiż fejn isiru l-profitti. It-tisħiħ tat-trasparenza għall-Gruppi MNE huwa għalhekk parti essenzjali fil-ġlieda kontra l-erożjoni tal-bażi imponibbli u t-trasferiment tal-profitti.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Mejju 2016 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' April 2016 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(5) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri dwar kodiċi ta' kondotta rigward id-dokumentazzjoni dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti għal intrapriżi assoċjati fl-Unjoni Ewropea (TPD UE) ([1]) diġà tindika mod kif il-Gruppi MNE jistgħu jipprovdu informazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa dwar operazzjonijiet globali tan-negozju u l-politiki dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti (il-"fajl ewlieni") u informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet konkreti tal-entità lokali (il-"fajl lokali"). Madankollu, fil-preżent it-TPD UE ma tipprevedi l-ebda mekkaniżmu għall-provvediment ta' rapport għal kull pajjiż.

(6) Fir-rapport għal kull pajjiż, il-Gruppi MNE għandhom jipprovdu annwalment u għal kull ġurisdizzjoni fiskali li fiha joperaw l-ammont ta' dħul, il-profitt qabel it-taxxa fuq l-introjtu u t-taxxa fuq l-introjtu mħallsa u akkumulata. Il-Gruppi MNE għandhom jirrapportaw ukoll in-numru tal-impjegati tagħhom, il-kapital dikjarat, il-qligħ akkumulat u l-assi tanġibbli f'kull ġurisdizzjoni fiskali. Fl-aħħar nett, il-Gruppi MNE għandhom jidentifikaw kull entità fil-grupp li topera f'ġurisdizzjoni fiskali partikolari u jipprovdu indikazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali li kull entità teżerċita.

(7) Sabiex jitjieb l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-gruppi MNE, l-obbligu ta' rapportar għandu japplika biss għall-Gruppi MNE bi dħul annwali konsolidat tal-grupp li jaqbeż ċertu ammont. Did-Direttiva għandha tiżgura li l-istess informazzjoni tinġabar u tkun disponibbli għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa b'mod f'waqtu fl-Unjoni kollha.

(8) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, l-Unjoni għandha tipprevedi kompetizzjoni ġusta bejn il-Gruppi MNE tal-Unjoni u l-Gruppi MNE mhux tal-Unjoni li għandhom entità waħda jew diversi entitajiet fl-Unjoni. Għaldaqstant it-tnejn li huma għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu tar-rappurtar. Madankollu, sabiex tiġi żgurata transizzjoni bla xkiel, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddifferixxu b'sena l-obbligu tar-rappurtar għal Entitajiet Kostitwenti residenti fi Stat Membru li mhumiex Entitajiet Omm Apikali ta' Gruppi MNE jew l-Entitajiet Omm Surrogati tagħhom.

(9) L-Istati Membri għandhom jistipulaw regoli dwar penali applikabbli għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u jiżguraw li dawk il-penali jkunu implimentati. Filwaqt li l-għażla tal-penali tibqa' fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri, il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(10) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri jadottaw regoli kkoordinati dwar l-obbligi ta' trasparenza tal-Gruppi MNE.

(11) Fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE ([2]) diġà tipprevedi l-iskambju awtomatiku obbligatorju tal-informazzjoni f'għadd ta' oqsma.

(12) L-iskambju awtomatiku obbligatorju tar-rapporti għal kull pajjiż bejn l-Istati Membri għandu f'kull każ jinkludi l-komunikazzjoni ta' sett definit ta' informazzjoni bażika li tkun aċċessibbli għal dawk l-Istati Membri li fihom, fuq il-bażi tal-informazzjoni fir-rapport għal kull pajjiż, entità waħda jew aktar tal-Grupp MNE huma residenti għal skopijiet ta' taxxa, jew inkella soġġetti għat-taxxa fir-rigward tan-negozju li jsir permezz ta' stabbiliment permanenti ta' Grupp MNE.

(13) Sabiex jiġu minimizzati l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi kemm għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll għall-Gruppi MNE, huwa meħtieġ li jiġu previsti regoli li huma konformi mal-iżviluppi internazzjonali u li jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-implimentazzjoni tagħhom. Fid-19 ta' Lulju 2013 l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) ippubblikat il-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-Erożjoni tal-Bażi Imponibbli u t-Trasferiment tal-Profitti ("Pjan ta' Azzjoni BEPS"), li huwa inizjattiva importanti għall-modifika tar-regoli internazzjonali tat-taxxa eżistenti. Fil-5 ta' Ottubru 2015 l-OECD ippreżentat ir-rapporti finali tagħha, li ġew approvati mill-Ministri tal-Finanzi tal-G20. Matul il-laqgħa tal-15 u s-16 ta' Novembru 2015, il-pakkett tal-OECD ġie approvat ukoll mill-mexxejja tal-G20.

(14) Il-ħidma fuq l-Azzjoni 13 tal-Pjan ta' Azzjoni BEPS wasslet għal sett ta' standards għall-għoti ta' informazzjoni għall-Gruppi MNE, inkluż il-fajl ewlieni, il-fajl lokali u r-rapport għal kull pajjiż. Huwa għalhekk xieraq li jitqiesu l-istandards tal-OECD meta jiġu stabbiliti r-regoli dwar ir-rapport għal kull pajjiż.

---

([1]) Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 2006 dwar kodiċi ta' kondotta dwar id-dokumentazzjoni rigward l-ipprezzar tat-trasferimenti għall-intrapriżi assoċjati fl-Unjoni Ewropea (TPD UE) (Traduzzjoni mhux uffiċjali) (ĠU C 176, 28.7.2006, p. 1).

([2]) Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

(15) F'sitwazzjoni fejn Entità Kostitwenti ma tistax tikseb jew takkwista l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżit ta' rappurtar skont din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw dan bħala indikazzjoni tal-ħtieġa li jiġu vvalutati r-riskji ta' livell għoli tal-ipprezzar tat-trasferimenti u riskji oħra ta' erożjoni tal-bażi imponibbli u ta' trasferimenti ta' profitti marbutin ma' dak il-Grupp MNE.

(16) Fejn Stat Membru jiddetermina li Stat Membru ieħor ikun persistentement naqas milli jipprovdi awtomatikament rapporti għal kull pajjiż, għandu jagħmel ħiltu biex jikkonsulta ma' dak l-Istat Membru.

(17) L-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tar-rappurtar għal kull pajjiż għandha tkompli tqis b'mod partikolari l-iżviluppi futuri fil-livell tal-OECD. Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jużaw ir-Rapport Finali tal-2015 dwar l-Azzjoni 13 tal-Proġett tal-Erożjoni tal-Bażi Imponibbli u t-Trasferiment tal-Profitti tal-OECD/G20, żviluppat mill-OECD, bħala sors ta' illustrazzjoni jew interpretazzjoni għal din id-Direttiva u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni f'kull Stat Membru.

(18) Huwa meħtieġ li jiġu speċifikati r-rekwiżiti lingwistiċi għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ir-rapport għal kull pajjiż. Huwa wkoll meħtieġ li jiġu adottati l-arranġamenti prattiċi meħtieġa għat-titjib tan-netwerk komuni ta' komunikazzjoni definit fil-punt 13 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/16/UE (in-"netwerk NKK"). Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 20(6) u 21(6) tad-Direttiva 2011/16/UE, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(19) Sabiex jitjieb l-użu effiċjenti tar-riżorsi, jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u tiġi evitata l-ħtieġa li kull Stat Membru jagħmel aġġustamenti simili fis-sistemi tiegħu, l-iskambju ta' informazzjoni għandu jsir permezz tan-netwerk NKK. L-arranġamenti prattiċi meħtieġa għat-titjib tas-sistema għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2011/16/UE.

(20) Għalhekk, l-ambitu tal-iskambju obbligatorju ta' informazzjoni għandu jiġi estiż biex jinkludi l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar ir-rapport għal kull pajjiż.

(21) Ir-rapport annwali tal-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2011/16/UE, għandu jispeċifika l-entità tal-files lokali skont l-Artikolu 8aa ta' dik id-Direttiva u l-Punt, tat-Taqsima II tal-Anness III għaliha u lista ta' kull ġurisdizzjoni fejn ikunu residenti Entitajiet Omm Apikali ta' Entitajiet Kostitwenti bbażati fl-Unjoni, iżda fejn ma jkunux ġew ippreżentati jew skambjati rapporti sħaħ.

(22) L-iskambju ta' informazzjoni skont din id-Direttiva ma jwassalx għall-iżvelar ta' sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali, ta' proċess kummerċjali jew ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-ordni pubbliku.

(23) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(24) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-kooperazzjoni amministrattiva effiċjenti bejn l-Istati Membri taħt kondizzjonijiet kompatibbli mal-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-uniformità u l-effikaċja meħtieġa, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

(25) Għalhekk, id-Direttiva 2011/16/UE għandha tiġi emendata skont dan,

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2011/16/UE hija emendata kif ġej:

(1) Il-punt 9 tal-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej

"9. 'skambju awtomatiku' tfisser,

(a) għall-finijiet tal-Artikolu 8(1) u l-Artikoli 8a u 8aa, il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel lil Stat Membru ieħor, mingħajr talba minn qabel, f'intervalli regolari stabbiliti minn qabel. Għall-finijiet tal-Artikolu 8(1), ir-referenza għall-informazzjoni disponibbli hija relatata mal-informazzjoni fil-fajls tat-taxxa tal-Istat Membru li jikkomunika l-informazzjoni, li tista' tiġi rkuprata f'konformità mal-proċeduri dwar il-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni f'dak l-Istat Membru;

(b) għall-finijiet tal-Artikolu 8(3a), il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel dwar residenti fi Stati Membri oħrajn lill-Istat Membru ta' residenza rilevanti, mingħajr talba minn qabel, f'intervalli regolari stabbiliti minn qabel;

(c) għall-finijiet ta' dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva minbarra l-Artikolu 8(1) u 8(3a), l-Artikolu 8a u l-Artikolu 8aa, il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel ipprovduta fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu;

Fil-kuntest tal-Artikoli 8(3a), 8(7a), 21(2) u 25(2) u (3), kwalunkwe terminu kapitalizzat għandu jkollu t-tifsira li għandu taħt id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness I. Fil-kuntest tal-Artikolu 8aa u l-Anness III, kwalunkwe terminu kapitalizzat għandu jkollu t-tifsira li għandu taħt id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness III.".

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej fil-Kapitolu II, it-Taqsima II:

*"Artikolu 8aa*

**Kamp ta' applikazzjoni u kondizzjonijiet għall-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni dwar ir-rapport għal kull pajjiż**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jirrikjedi li l-Entità Omm Apikali ta' Grupp MNE li hija residenti għal finijiet ta' taxxa fit-territorju tiegħu, jew kwalunkwe Entità Notifikanti oħra skont it-Taqsima II tal-Anness III, tippreżenta rapport għal kull pajjiż fir-rigward tas-Sena Fiskali tar-Rappurtar tiegħu fi żmien 12-il xahar mill-aħħar jum tas-Sena Fiskali tar-Rappurtar tal-Grupp MNE f'konformità mat-Taqsima II tal-Anness III.

2. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru fejn ikun ġie riċevut ir-Rapport għal kull Pajjiż skont il-paragrafu 1 għandha, permezz ta' skambju awtomatiku u sal-iskadenza stipulata fil-paragrafu 4, tikkomunika r-rapport għal kull pajjiż lil kull Stat Membru ieħor li fih, fuq il-bażi tal-informazzjoni fir-rapport għal kull pajjiż, Entità Kostitwenti waħda jew aktar tal-Grupp MNE tal-Entità Notifikanti tkun residenti għal skopijiet ta' taxxa, jew inkella tkun soġġetta għat-taxxa fir-rigward tan-negozju li jsir permezz ta' stabbiliment permanenti.

3. Ir-rapport għal kull pajjiż għandu jkollu l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-Grupp MNE:

(a) informazzjoni aggregata dwar l-ammont ta' dħul, profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu, it-taxxa fuq l-introjtu mħallsa, it-taxxa fuq l-introjtu akkumulata, il-kapital dikjarat, il-qligħ akkumulat, in-numru ta' impjegati, u l-assi tanġibbli minbarra flus jew ekwivalenti ta' flus fir-rigward ta' kull ġurisdizzjoni li fih jopera l-Grupp MNE;

(b) identifikazzjoni ta' kull Entità Kostitwenti tal-Grupp MNE li tindika l-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa ta' dik l-Entità Kostitwenti u, meta tkun differenti minn dik il-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa, il-ġurisdizzjoni skont il-liġijiet taħt liema hija organizzata dik l-Entità Kostitwenti, u n-natura tal-attività jew attivitajiet kummerċjali prinċipali ta' dik l-Entità Kostitwenti.

4. Il-komunikazzjoni għandha ssir fi żmien 15-il xahar mill-aħħar jum tas-Sena Fiskali tal-Grupp MNE li magħha huwa relatat ir-rapport għal kull pajjiż. L-ewwel rapport għal kull pajjiż għandu jiġi kkomunikat għas-Sena Fiskali tal-Grupp MNE li tibda fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara, li għandu jsir fi żmien 18-il xahar mill-aħħar jum ta' dik is-Sena Fiskali.".

(3) Fl-Artikolu 16, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Minkejja l-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni kkomunikata bejn l-Istati Membri skont l-Artikolu 8aa għandha tintuża għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskji ta' livell għoli rigward l-ipprezzar tat-trasferimenti u riskji oħra relatati mal-erożjoni tal-bażi imponibbli u mat-trasferiment tal-profitti, inkluż il-valutazzjoni tar-riskju ta' nonosservanza mill-membri tal-Grupp MNE tar-regoli applikabbli rigward l-ipprezzar tat-trasferimenti, u fejn adatt għall-analiżi ekonomika u statistika. L-aġġustamenti tal-ipprezzar tat-trasferimenti mill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru riċeventi ma għandhomx ikunu bbażati fuq l-informazzjoni skambjata skont l-Artikolu 8aa. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, m'hemm l-ebda projbizzjoni fuq l-użu tal-informazzjoni kkomunikata bejn l-Istati Membri skont l-Artikolu 8aa bħala bażi biex isiru aktar investigazzjonijiet dwar l-arranġamenti tal-ipprezzar tat-trasferimenti tal-Grupp MNE jew dwar materji ta' taxxa oħra matul awditu tat-taxxa u, bħala riżultat, jistgħu jsiru aġġustamenti xierqa tad-dħul taxxabbli ta' Entità Kostitwenti.".

(4) Fl-Artikolu 20, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. L-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar ir-rapport għal kull pajjiż skont l-Artikolu 8aa għandu jsir permezz tal-formola standard prevista fit-Tabelli 1, 2 u 3 tat-Taqsima III tal-Anness III. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-arranġamenti lingwistiċi għal dak l-iskambju sal-31 ta' Diċembru 2016. Dawn ma għandhomx jipprekludu lill-Istati Membri milli jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8aa bi kwalunkwe lingwa uffiċjali u ta' ħidma tal-Unjoni. Madankollu, dawk l-arranġamenti lingwistiċi jistgħu jipprevedu li l-elementi ewlenin ta' tali informazzjoni jintbagħtu wkoll b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).".

(5) Fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. L-informazzjoni kkomunikata skont l-Artikolu 8aa (2) għandha tkun ipprovduta permezz ta' mezzi elettroniċi bl-użu tan-netwerk NKK. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tadotta l-arranġamenti prattiċi meħtieġa għat-titjib tan-netwerk NKK. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).".

(6) Fl-Artikolu 23, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw valutazzjoni annwali lill-Kummissjoni dwar l-effettività tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni msemmi fl-Artikoli 8, 8a u 8aa kif ukoll ir-riżultati prattiċi miksuba. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-forma u l-kondizzjonijiet tal-komunikazzjoni għal dik il-valutazzjoni annwali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).".

(7) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 25a*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva rigward l-Artikolu 8aa, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.".

(8) L-Artikolu 26 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 26*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat dwar il-kooperazzjoni amministrattiva għat-tassazzjoni. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.).".

(9) Jiżdied l-Anness III, li t-test tiegħu jinsab fl-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sal-4 ta' Ġunju 2017, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-5 ta' Ġunju 2017.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.R.V.A. DIJSSELBLOEM

*ANNESS*

*"ANNESS III*

**REGOLI TA' PREŻENTAZZJONI GĦAL GRUPPI TA' INTRAPRIŻI MULTINAZZJONALI**

TAQSIMA I

**TERMINI DEFINITI**

1. It-terminu "Grupp" ifisser ġabra ta' intrapriżi relatati permezz ta' sjieda jew kontroll b'mod li jkun obbligat li jħejji Rapporti Finanzjarji Konsolidati għal finijiet ta' rappurtar finanzjarju skont il-prinċipji tal-kontabbiltà applikabbli jew inkella jkun obbligat jagħmel dan kieku interessi azzjonarji f'xi waħda mill-intrapriżi kienu nnegozjati f'borża tat-titoli pubblika.

2. It-terminu "Intrapriża" ifisser kwalunkwe forma ta' tmexxija ta' negozju minn kwalunkwe persuna msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 3, il-punt 11.

3. It-terminu "Grupp MNE" ifisser kwalunkwe Grupp li jinkludi żewġ intrapriżi jew iktar li r-residenza tat-taxxa tagħhom tinsab f'ġurisdizzjonijiet differenti, jew li jinkludi intrapriża li hija residenti għal finijiet ta' taxxa f'ġurisdizzjoni waħda u hija soġġetta għat-taxxa fir-rigward tan-negozju li jsir permezz ta' stabbiliment permanenti f'ġurisdizzjoni oħra, u li mhuwiex Grupp MNE Eskluż.

4. It-terminu "Grupp MNE Eskluż" ifisser, fir-rigward ta' kwalunkwe Sena Finanzjarja tal-Grupp, Grupp li jkollu dħul konsolidat tal-grupp total i ta' inqas minn EUR 750 000 000 jew ammont fil-munita lokali ekwivalenti għal madwar EUR 750 000 000 minn Jannar 2015 matul is-Sena Fiskali immediatament qabel is-Sena Fiskali tar-Rappurtar kif rifless fir-Rapporti Finanzjarji Konsolidati tiegħu għal tali Sena Fiskali preċedenti.

5. It-terminu "Entità Kostitwenti" ifisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

   (a) kwalunkwe unità tan-negozju separata ta' Grupp MNE li hija inkluża fir-Rapporti Finanzjarji Konsolidati tal-Grupp MNE għal finijiet tar-rappurtar finanzjarju, jew li tkun hekk inkluża kieku l-interessi azzjonarji fit-tali unità tan-negozju ta' Grupp MNE kienu nnegozjati f'borża tat-titoli pubblika;

   (b) kwalunkwe unità tan-negozju li hija eskluża mir-Rapporti Finanzjarji Konsolidati tal-Grupp MNE unikament għal raġunijiet ta' daqs jew materjalità;

   (c) kwalunkwe stabbiliment permanenti ta' kwalunkwe unità tan-negozju separata tal-Grupp MNE inkluż f'(a) jew (b) sakemm l-unità tan-negozju tħejji dikjarazzjoni finanzjarja separata għal tali stabbiliment permanenti għall-finijiet ta' rappurtar finanzjarju, regolatorji, rappurtar tat-taxxa, jew ta' kontroll intern tal-ġestjoni.

6. It-terminu "Entità Notifikanti" ifisser l-Entità Kostitwenti li tkun obbligata tippreżenta rapport għal kull pajjiż konformi mar-rekwiżiti fl-Artikolu 8aa (3) fil-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tagħha f'isem il-Grupp MNE. L-Entità Notifikanti tista' tkun l-Entità Omm Apikali, l-Entità Omm Surrogata, jew kwalunkwe entità deskritta fil-punt 1 tat-Taqsima II.

7. It-terminu "Entità Omm Apikali" jfisser Entità Kostitwenti ta' Grupp MNE li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

   (a) ikollha direttament jew indirettament interess suffiċjenti f'Entità Kostitwenti waħda jew iktar ta' tali Grupp MNE b'mod li tkun obbligata tħejji Rapporti Finanzjarji Konsolidati skont il-prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment applikati fil-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tagħha, jew tkun obbligata tagħmel dan kieku l-interessi azzjonarji tagħha kienu nnegozjati f'borża tat-titoli pubblika fil-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tagħha;

   (b) m'hemm l-ebda Entità Kostitwenti oħra ta' tali Grupp MNE li għandha direttament jew indirettament interess deskritt fil-punt (a) fl-ewwel Entità Kostitwenti msemmija.

8. It-terminu "Entità Omm Surrogata" ifisser Entità Kostitwenti waħda tal-Grupp MNE li tkun ġiet nominata minn dak il-Grupp MNE, bħala sostitut uniku għall-Entità Omm Apikali, sabiex tippreżenta ir-rapport għal kull pajjiż fil-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa ta' dik l-Entità Kostitwenti, f'isem tali Grupp MNE, fejn tkun tapplika kondizzjoni waħda jew aktar stabbiliti fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-punt 1 tat-Taqsima II.

9. It-terminu "Sena Fiskali" ifisser perijodu ta' kontabbiltà annwali fir-rigward ta' liema l-Entità Omm Apikali tal-Grupp MNE tħejji d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħha.

10. It-terminu "Sena Fiskali tar-Rappurtar" ifisser dik is-Sena Fiskali li r-riżultati finanzjarji u operazzjonali tagħha huma riflessi fir-rapport għal kull pajjiż imsemmi fl-Artikolu 8aa(3).

11. It-terminu "Ftehim Kwalifikanti bejn Awtoritajiet Kompetenti" ifisser ftehim li huwa bejn ir-rappreżentanti awtorizzati ta' Stat Membru tal-UE u ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni li huma partijiet ta' Ftehim Internazzjonali u li jeħtieġ l-iskambju awtomatiku ta' rapporti għal kull pajjiż bejn il-ġurisdizzjoni tal-partijiet.

12. It-terminu "Ftehim Internazzjonali" ifisser il-Konvenzjoni Multilaterali dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fil-Qasam Fiskali, kwalunkwe konvenzjoni bilaterali jew multilaterali dwar it-taxxa, jew kwalunkwe ftehim dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa li l-Istat Membru huwa parti tiegħu, u li skont it-termini tiegħu jipprovdi awtorità legali għall-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa bejn il-ġurisdizzjonijiet, inkluż l-iskambju awtomatiku ta' tali informazzjoni.

13. It-terminu "Rapporti Finanzjarji Konsolidati" ifisser ir-rapporti finanzjarji ta' Grupp MNE li fihom l-assi, il-passivi, l-introjtu, l-ispejjeż u l-flussi tal-flus tal-Entità Omm Apikali u l-Entitajiet Kostitwenti huma ppreżentati bħala dawk ta' entità ekonomika waħda.

14. It-terminu "Nuqqas Sistemiku" fir-rigward ta' ġurisdizzjoni jfisser li ġurisdizzjoni għandha Ftehim Kwalifikanti bejn Awtoritajiet Kompetenti fis-seħħ ma' Stat Membru iżda tkun issospendiet l-iskambju awtomatiku (għal raġunijiet oħra li mhumiex skont it-termini ta' dak il-Ftehim), jew inkella li ġurisdizzjoni tkun naqset persistentement b'xi mod ieħor li tipprovdi awtomatikament lil Stat Membru rapporti għal kull pajjiż fil-pussess tagħha ta' Gruppi MNE li għandhom Entitajiet Kostitwenti f'dak l-Istat Membru.

TAQSIMA II

**REKWIŻITI TAR-RAPPURTAR ĠENERALI**

1. Entità Kostitwenti residenti fi Stat Membru li mhijiex l-Entità Omm Apikali ta' Grupp MNE għandha tippreżenta rapport għal kull pajjiż fir-rigward tas-Sena Fiskali tar-Rappurtar ta' Grupp MNE li hija Entità Kostitwenti tiegħu, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

   (a) l-entità hija residenti għal finijiet ta' taxxa fi Stat Membru;

   (b) tapplika waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

      (i) l-Entità Omm Apikali tal-Grupp MNE mhijiex obbligata li tippreżenta rapport għal kull pajjiż fil-ġurisdizzjoni tar-residenza fiskali tagħha;

      (ii) il-ġurisdizzjoni li l-Entità Omm Apikali hija residenti fiha għal finijiet ta' taxxa għandha Ftehim Internazzjonali attwali li għalih huwa parti l-Istat Membru, iżda ma għandhiex fis-seħħ Ftehim Kwalifikanti bejn Awtoritajiet Kompetenti li għalih huwa parti l-Istat Membru saż-żmien speċifikat fl-Artikolu 8aa(1) għall-preżentazzjoni tar-rapport għal kull pajjiż għas-Sena Fiskali ta' Rappurtar;

      (iii) kien hemm Nuqqas Sistemiku tal-ġurisdizzjoni tar-residenza fiskali tal-Entità Omm Apikali li jkun ġie notifikat mill-Istat Membru lill-Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fl-Istat Membru.

   Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Entità Omm Apikali msemmija fl-Artikolu 8aa(1) jew tal-Entità Omm Surrogata tagħha li tressaq l-ewwel rapport għal kull pajjiż għas-Sena Fiskali tal-Grupp MNE li tibda fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-obbligu għal Entitajiet Kostitwenti stabbilit fil-punt 1 ta' din it-Taqsima għandu japplika għal rapporti għal kull pajjiż fir-rigward tas-Snin Fiskali tar-Rapportar li jibdew fi jew wara l-1 ta' Jannar 2017'il quddiem.

   Entità Kostitwenti residenti fi Stat Membru kif definit fl-ewwel paragrafu ta' dan il-punt għandha titlob lill-Entità Omm Apikali tagħha biex tipprovdilha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha li tippreżenta rapport għal kull pajjiż, f'konformità mal-Artikolu 8aa(3). Jekk minkejja dan, dik l-Entità Kostitwenti ma tkunx kisbet jew akkwistat l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tirrapporta għall-Grupp MNE, din l-Entità Kostitwenti għandha tippreżenta rapport għal kull pajjiż li jkun fih l-informazzjoni kollha fil-pussess tagħha, miksuba jew akkwistata, u tinnotifika lill-Istat Membru ta' residenza tagħha li l-Entità Omm Apikali tkun irrifjutat li tagħmel l-informazzjoni meħtieġa disponibbli. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istat Membru kkonċernat li japplika l-penali previsti fil-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu u dan l-Istat Membru għandu jinforma l-Istati Membri kollha b'dan ir-rifjut.

Fejn ikun hemm iktar minn Entità Kostitwenti waħda tal-istess MNE li huma residenti għal finijiet ta' taxxa fl-Unjoni u tkun tapplika kondizzjoni waħda jew iktar stipulati fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu, il-Grupp MNE jista' jinnomina waħda minn dawn l-Entitajiet Kostitwenti sabiex tippreżenta r-rapport għal kull pajjiż li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 8aa(3) fir-rigward ta' kwalunkwe Sena Fiskali tar-Rappurtar fid-data ta' skadenza speċifikata fl-Artikolu 8aa(1) u biex tinnotifika lill-Istat Membru li l-preżentazzjoni hija maħsuba li tissodisfa r-rekwiżit tal-preżentazzjoni tal-Entitajiet Kostitwenti kollha ta' Grupp MNE bħal dan li huma residenti għal finijiet ta' taxxa fl-Unjoni. Dak l-Istat Membru għandu, skont l-Artikolu 8aa(2), jikkomunika r-rapport għal kull pajjiż li jkun wasal lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li fih, fuq il-bażi tal-informazzjoni fir-rapport għal kull pajjiż, Entità Kostitwenti waħda jew aktar tal-Grupp MNE tal-Entità Notifikanti ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa jew inkella jkunu soġġetti għat-taxxa fir-rigward tan-negozju mwettaq permezz ta' stabbiliment permanenti.

Fejn Entità Kostitwenti ma tistax tikseb jew takkwista l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tippreżenta rapport għal kull pajjiż, f'konformità mal-Artikolu 8aa(3), tali Entità Kostitwenti ma għandhiex tkun eliġibbli li tiġi nominata bħala l-Entità Notifikanti għall-Grupp MNE f'konformità mar-raba' paragrafu ta' dan il-punt. Din ir-regola għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Entità Kostitwenti li tinnotifika l-Istat Membru ta' residenza tagħha li l-Entità Omm Apikali tkun irrifjutat li tagħmel l-informazzjoni meħtieġa disponibbli.

2. B'deroga mill-punt 1, meta tkun tapplika kondizzjoni waħda jew iktar stipulati fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-punt 1, entità deskritta fil-punt 1 ma għandhiex tkun meħtieġa li tippreżenta rapport għal kull pajjiż b'rabta ma' kwalunkwe Sena Fiskali tar-Rappurtar jekk il-Grupp MNE li hija Entità Kostitwenti tiegħu għamel disponibbli rapport għal kull pajjiż skont l-Artikolu 8aa(3) b'rabta ma' tali Sena Fiskali permezz ta' Entità Omm Surrogata li tippreżenta dak ir-rapport għal kull pajjiż mal-awtorità tat-taxxa tal-ġurisdizzjoni tar-residenza fiskali tagħha fi jew qabel id-data speċifikata fl-Artikolu 8aa(1) u li, f'każ li l-Entità Omm Surrogata hija residenti tat-taxxa f'ġurisdizzjoni barra mill-Unjoni, tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-ġurisdizzjoni tar-residenza fiskali tal-Entità Omm Surrogata teħtieġ il-preżentazzjoni ta' rapporti għal kull pajjiż li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 8aa(3);

(b) il-ġurisdizzjoni tar-residenza fiskali tal-Entità Omm Surrogata għandha fis-seħħ Ftehim Kwalifikanti bejn Awtoritajiet Kompetenti li għalih huwa parti l-Istat Membru saż-żmien speċifikat fl-Artikolu 8aa(1) għall-preżentazzjoni tar-rapport għal kull pajjiż għas-Sena Fiskali tar-Rappurtar;

(c) il-ġurisdizzjoni tar-residenza fiskali tal-Entità Omm Surrogata ma tkunx innotifikat l-Istat Membru b'Nuqqas Sistemiku;

(d) il-ġurisdizzjoni ta' residenza fiskali tal-Entità Omm Surrogata tkun ġiet notifikata mhux aktar tard mill-aħħar jum tas-Sena Fiskali tar-Rapportar ta' tali Grupp MNE mill-Entità Kostitwenti residenti għal finijiet tat-taxxa fil-ġurisdizzjoni tagħha li hija l-Entità Omm Surrogata;

(e) tkun ġiet ipprovduta notifika lill-Istat Membru skont il-punt 4.

3. L-Istati Membri għandhom jitolbu li kull Entità Kostitwenti ta' Grupp MNE li hija residenti għal finijiet ta' taxxa f'dak l-Istat Membru tinnotifika lill-Istat Membru jekk hijiex l-Entità Omm Apikali jew l-Entità Omm Surrogata jew l-Entità Kostitwenti nominata taħt il-punt 1, mhux iktar tard mill-aħħar jum tas-Sena Fiskali tar-Rappurtar ta' Grupp MNE bħal dan. L-Istati Membri jistgħu jestendu dik l-iskadenza sal-aħħar jum għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tat-taxxa ta' dik l-Entità Kostitwenti għas-sena fiskali preċedenti.

4. L-Istati Membri għandhom jitolbu li meta Entità Kostitwenti ta' Grupp MNE, li hija residenti għal finijiet ta' taxxa f'dak l-Istat Membru, mhijiex l-Entità Omm Apikali u lanqas l-Entità Omm Surrogata u lanqas l-Entità Kostitwenti nominata taħt il-punt 1, din għandha tinnotifika lill-Istat Membru bl-identità u r-residenza tat-taxxa tal-Entità Notifikanti, mhux iktar tard mill-aħħar jum tas-Sena Fiskali tar-Rappurtar ta' Grupp MNE bħal dan. L-Istati Membri jistgħu jestendu dik l-iskadenza sal-aħħar jum għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tat-taxxa ta' dik l-Entità Kostitwenti għas-sena fiskali preċedenti.

5. Ir-rapport għal kull pajjiż għandu jispeċifika l-munita tal-ammonti msemmija f'dak ir-rapport.

TAQSIMA III

**RAPPORT GĦAL KULL PAJJIŻ**

A. Mudell għar-rapport għal kull pajjiż

Tabella 1. Ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni tal-introjtu, it-taxxi u l-attivitajiet kummerċjali skont il-ġurisdizzjoni fiskali

Isem il-Grupp MNE:
Sena Fiskali kkonċernata:
Munita użata:

| Ġurisdizzjoni fiskali | Dħul | | | Profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu | Taxxa fuq l-introjtu mħallsa (l-ammont effettivament imħallas — "cash basis") | Taxxa fuq l-introjtu akkumulata- sena kurrenti | Kapital iddikjarat | Qligħ akkumulat | Numru ta' impjegati | Assi tanġibbli barra flus u ekwivalenti ta' flus |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Parti mhux relatata | Parti relatata | Total | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |

Tabella 2 Lista tal-Entitajiet Kostitwenti tal-Grupp MNE inklużi f'kull aggregazzjoni għal kull ġurisdizzjoni fiskali

Isem il-Grupp MNE:
Sena Fiskali kkonċernata:

| Ġurisdizzjoni fiskali | Entitajiet kostitwenti residenti fil-ġurisdizzjoni fiskali | Ġurisdizzjoni fiskali tal-organizzazzjoni jew inkorporazzjoni jekk differenti mill-ġurisdizzjoni fiskalitar-residenza | Attività/Attivitajiet kummerċjali ewlenin | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Riċerka u żvilupp | Żamma jew ġestjoni tal-proprjetà intellettwali | Xiri jew akkwist | Manifattura jew produzzjoni | Bejgħ, kummerċjalizzazzjoni jew distribuzzjoni | Servizzi amministrattiv, maniġerjali jew ta' appoġġ | Provvista ta' servizzi lil partijiet mhux relatati | Finanzi tal-grupp intern | Servizzi finanzjarji regolati | Assigurazzjoni | Żamma ta' azzjonijiet jew strumenti ta' ekwità oħra | Inattiv | Oħrajn [1] |
| | 1. | | | | | | | | | | | | | | |
| | 2. | | | | | | | | | | | | | | |
| | 3. | | | | | | | | | | | | | | |
| | 1. | | | | | | | | | | | | | | |
| | 2. | | | | | | | | | | | | | | |
| | 3. | | | | | | | | | | | | | | |

[1] Jekk jogħġbok speċifika n-natura ta' attività tal-Entità Kostitwenti fl-"Informazzjoni addizzjonali"

Tabella 3: Informazzjoni addizzjonali

Isem il-Grupp MNE:
Sena fiskali kkonċernata:

Jekk jogħġbok inkludi kwalunkwe informazzjoni jew spjegazzjoni qasira ulterjuri li tqis li hija meħtieġa jew li tiffaċilita l-fehim tal-informazzjoni obbligatorja pprovduta fir-rapport għal kull pajjiż

B. Struzzjonijiet ġenerali għall-kompilazzjoni tar-rapport għal kull pajjiż

1. Skop

Il-mudell għandu jintuża għar-rappurtar tal-allokazzjoni tal-introjtu, it-taxxi u l-attivitajiet kummerċjali ta' grupp ta' intrapriżi multinazzjonali (MNE) abbażi tal-ġurisdizzjoni fiskali.

2. Trattament ta' fergħat u stabbilimenti permanenti

Id-data dwar l-istabbiliment permanenti għandha tiġi rrappurtata b'referenza għall-ġurisdizzjoni fiskali li jinstab fih u mhux b'referenza għall-ġurisdizzjoni fiskali tar-residenza tal-unità kummerċjali li l-istabbiliment permanenti huwa parti minnha. Ir-rappurtar tal-ġurisdizzjoni fiskali tar-residenza għall-unità kummerċjali li minnha jagħmel parti l-istabbiliment permanenti għandu jeskludi data finanzjarja relatata mal-istabbiliment permanenti.

3. Perijodu kopert mill-mudell annwali

Il-mudell għandu jkopri s-Sena Fiskali tal-MNE notifikanti. Għall-Entitajiet Kostitwenti, fid-diskrezzjoni tal-MNE notifikanti, il-mudell għandu jirrifletti waħda mill-informazzjoni li ġejja fuq bażi konsistenti:

(a) informazzjoni għas-Sena Fiskali tal-Entitajiet Kostitwenti rilevanti li tintemm fl-istess data bħas-Sena Fiskali tal-MNE notifikanti, jew li tintemm fi żmien 12-il xahar qabel dik id-data;

(b) informazzjoni għal kull Entità Kostitwenti rilevanti rappurtata għas-Sena Fiskali tal-MNE notifikanti.

4. Sors tad-data

L-MNE notifikanti għandha konsistentement tuża l-istess sorsi ta' data minn sena għal sena meta timla l-mudell. L-MNE notifikanti tista' tagħżel li tuża data mill-pakketti ta' konsolidazzjoni tagħha, mid-dikjarazzjonijiet finanzjarji statutorji tal-entitajiet separati, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji regolatorji, jew kontijiet ta' ġestjoni interna. Mhuwiex meħtieġ li jiġu rrikonċiljati d-dħul, il-profitt u r-rappurtar tat-taxxa fil-mudell għar-Rapporti Finanzjarji Konsolidati. Jekk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji statutorji jintużaw bħala l-bażi għar-rappurtar, l-ammonti kollha għandhom jinbidlu għall-munita funzjonali ddikjarata tal-MNE notifikanti bir-rata medja tal-kambju għas-sena ddikjarata fit-taqsima tal-"Informazzjoni addizzjonali" tal-mudell. Madankollu, m'hemmx għalfejn isiru aġġustamenti għal differenzi fil-prinċipji tal-kontabbiltà applikati minn ġurisdizzjoni fiskali għal ġurisdizzjoni fiskali.

L-MNE notifikanti għandha tipprovdi deskrizzjoni qasira tas-sorsi ta' data użati fil-preparazzjoni tal-mudell fit-taqsima tal-"Informazzjoni addizzjonali" tal-mudell. Jekk issir bidla fis-sors tad-data użata minn sena għal sena, l-MNE notifikanti għandha tispjega r-raġunijiet għall-bidla u l-konsegwenzi tagħha fit-taqsima tal-"Informazzjoni addizzjonali" tal-mudell.

C. Struzzjonijiet speċifiċi għall-kompilazzjoni tar-rapport għal kull pajjiż

1. Ħarsa ġenerali lejn l-allokazzjoni ta' introjtu, it-taxxi u l-attivitajiet kummerċjali skont il-ġurisdizzjoni fiskali (Tabella 1)

1.1. Ġurisdizzjoni fiskali

Fl-ewwel kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha telenka l-ġurisdizzjonijiet fiskali kollha li fihom l-Entitajiet Kostitwenti tal-Grupp MNE huma residenti għal finijiet ta' taxxa. Ġurisdizzjoni fiskali hija definita bħala Stat kif ukoll ġurisdizzjoni mhux tal-Istat li jkollha awtonomija fiskali. Għandha tkun inkluża linja separata għall-Entitajiet Kostitwenti kollha fil-Grupp MNE li jitqiesu mill-MNE notifikanti li ma jkunux residenti f'xi ġurisdizzjoni fiskali għal finijiet ta' taxxa. Meta Entità Kostitwenti hija residenti f'iktar minn ġurisdizzjoni fiskali waħda, ir-regoli deċiżivi tal-konvenzjoni tat-taxxa previsti mill-konvenzjoni dwar it-taxxa għandhom jiġu applikati sabiex jiddeterminaw il-ġurisdizzjoni fiskali tar-residenza. Meta ma teżisti l-ebda konvenzjoni dwar it-taxxa applikabbli, l-Entità Kostitwenti għandha tiġi rrappurtata fil-ġurisdizzjoni fiskali tas-sede ta' ġestjoni effettiva tal-Entità Kostitwenti. Is-sede ta' ġestjoni effettiva għandu jiġi ddeterminat bi standards maqbula internazzjonalment.

1.2. Dħul

Fit-tliet kolonni tal-mudell taħt l-intestatura 'Dħul', l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ammont tad-dħul tal-Entitajiet Kostitwenti kollha tal-Grupp MNE fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti ġġenerat minn tranżazzjonijiet ma' intrapriżi assoċjati;

(b) l-ammont tad-dħul tal-Entitajiet Kostitwenti kollha tal-Grupp MNE fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti ġġenerat minn tranżazzjonijiet ma' partijiet indipendenti;

(c) it-total tal-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b).

Id-dħul għandu jinkludi dħul minn bejgħ ta' inventarju u proprjetajiet, servizzi, drittijiet dovuti għall-użu ta' proprjetà, interessi, primjums u kwalunkwe ammont ieħor. Id-dħul għandu jeskludi ħlasijiet irċevuti minn Entitajiet Kostitwenti oħra li huma ttrattati bħala dividendi fil-ġurisdizzjoni fiskali ta' min iħallas.

1.3. Profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu

Fil-ħames kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-ammont tal-profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu għal kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. Il-profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu għandu jinkludi kull introjtu u spiża straordinarji.

1.4. Taxxa fuq l-introjtu mħallsa (l-ammont effettivament imħallas — "cash basis")

Fis-sitt kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-ammont tat-taxxa fuq l-introjtu effettivament imħallsa matul is-Sena Fiskali rilevanti minn kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. It-taxxi mħallsa għandhom jinkludu t-taxxi fi flus imħallsa mill-Entità Kostitwenti lill-ġurisdizzjoni fiskali tar-residenza u lil kull ġurisdizzjoni fiskali oħra. It-taxxi mħallsa għandhom jinkludu t-taxxa minn ras il-għajn imħallsa minn entitajiet oħrajn (intrapriżi assoċjati u intrapriżi indipendenti) fir-rigward tal-ħlasijiet lill-Entità Kostitwenti. Għaldaqstant, jekk il-kumpanija A fil-ġurisdizzjoni fiskali A taqla' interess fil-ġurisdizzjoni fiskali B, it-taxxa minn ras il-għajn fil-ġurisdizzjoni fiskali B għandha tiġi rrapportata mill-kumpanija A.

1.5. Taxxa fuq l-introjtu akkumulata (sena kurrenti)

Fis-seba' kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-ammont tal-ispiża tat-taxxa kurrenti akkumulata fuq il-profitti jew it-telf taxxabbli tas-sena ta' rappurtar ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. L-ispiża tat-taxxa kurrenti għandha tirrifletti biss l-operazzjonijiet fis-sena kurrenti u ma għandhiex tinkludi taxxi differiti jew proviżjonijiet għal debiti tat-taxxa inċerti.

1.6. Kapital dikjarat

Fit-tmien kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-ammont tal-kapital ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. Fir-rigward tal-istabbilimenti permanenti, il-kapital dikjarat għandu jiġi rrappurtat mill-entità legali li tagħha huwa stabbiliment permanenti dment li ma jkunx hemm rekwiżit ta' kapital definit fil-ġurisdizzjoni fiskali tal-istabbiliment permanenti għal finijiet regolatorji.

1.7. Qligħ akkumulat

Fid-disa' kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-ammont tal-qligħ akkumulat ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti sa mill-aħħar tas-sena. Fir-rigward tal-istabbilimenti permanenti, il-qligħ akkumulat għandu jiġi rrappurtat mill-entità legali li tagħha huwa stabbiliment permanenti.

1.8. Numru ta' impjegati

Fl-għaxar kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta n-numru totali ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full-time (FTE) ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. In-numru ta' impjegati jista' jiġi rappurtat ma' tmiem is-sena, fuq il-bażi ta' livelli medji ta' impjieg għas-sena, jew fuq kwalunkwe bażi oħra applikata b'mod konsistenti fid-diversi ġurisdizzjonijiet fiskali u minn sena għal sena. Għal dan il-għan, kuntratturi indipendenti li jipparteċipaw fl-attivitajiet operattivi ordinarji tal-Entità Kostitwenti jistgħu jiġu rrappurtati bħala impjegati. L-arrotondament raġonevoli jew l-approssimazzjoni tan-numru ta' impjegati huwa permissibbli, sakemm dan l-arrotondament jew l-approssimazzjoni ma jtellfux materjalment id-distribuzzjoni relattiva ta' impjegati b'mod materjali fid-diversi ġurisdizzjonijiet fiskali. Approċċi konsistenti għandhom ikunu applikati minn sena għal sena u fid-diversi entitajiet.

1.9. Assi tanġibbli barra flus u ekwivalenti ta' flus

Fil-ħdax-il kolonna tal-mudell, l-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-ammont tal-valuri nett skont il-karta tal-bilanċ ta' assi tanġibbli ta' kull Entità Kostitwenti residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. Fir-rigward tal-istabbilimenti permanenti, l-assi għandhom jiġu rrappurtati b'referenza għall-ġurisdizzjoni fiskali li fiha jinsab l-istabbiliment permanenti. Għal dan il-għan, l-assi tanġibbli ma jinkludux flus jew ekwivalenti ta' flus, assi intanġibbli, jew assi finanzjarji.

2. Lista tal-Entitajiet Kostitwenti kollha tal-Grupp MNE inklużi f'kull aggregazzjoni skont il-ġurisdizzjoni fiskali (Tabella 2)

2.1. Entitajiet Kostitwenti residenti fil-ġurisdizzjoni fiskali

L-MNE notifikanti għandha telenka, skont il-ġurisdizzjoni fiskali u skont l-isem tal-entità legali, l-Entitajiet Kostitwenti residenti kollha tal-Grupp MNE li huma residenti għal finijiet ta' taxxa fil-ġurisdizzjoni fiskali rilevanti. Kif iddikjarat fil-punt 2 tal-istruzzjonijiet ġenerali rigward l-istabbilimenti permanenti, madankollu, l-istabbiliment permanenti għandu jkun elenkat permezz ta' referenza għall-ġurisdizzjoni fiskali li jinstab fiha. L-entità legali li tagħha huwa l-istabbiliment permanenti għandha tiġi nnotata.

2.2. Ġurisdizzjoni fiskali tal-organizzazzjoni jew inkorporazzjoni jekk differenti mill-ġurisdizzjoni fiskali tar-residenza

L-MNE notifikanti għandha tirrapporta l-isem tal-ġurisdizzjoni fiskali fejn skont il-liġijiet tagħha l-Entità Kostitwenti tal-Grupp MNE hija organizzata jew inkorporata jekk hija differenti mill-ġurisdizzjoni fiskali tar-residenza.

2.3. Attività/Attivitajiet kummerċjali ewlenin

L-MNE notifikanti għandha tiddetermina n-natura tal-attività/attivitajiet prinċipali tal-kummerċ li twettqu mill-Entità Kostitwenti fil-ġurisdizzjoni fil-qasam tat-taxxa rilevanti, billi timmarka kaxxa jew kaxxi rilevanti."

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/882

## tal-1 ta' Ġunju 2016

## li temenda d-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-lingwa

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tagħha,

Billi:

(1) Ċerti dispożizzjonijiet fl-Anness VI tad-Direttiva 2007/59/KE dwar ir-rekwiżiti tal-lingwa ta' livell B1 għas-sewwieqa tal-ferroviji huma diffiċli bla bżonn speċjalment f'dawk il-każijiet speċifiċi ħafna fejn is-sewwieqa tal-ferroviji jaslu biss sal-istazzjon tal-fruntiera ta' Stat Membru ġar u għalhekk iħallu impatt fuq il-kontinwità ta' operazzjonijiet transkonfinali.

(2) Għaldaqstant hemm bżonn li l-piż lingwistiku żejjed jitnaqqas speċjalment fit-taqsimiet bejn il-fruntieri u l-istazzjonijiet li jinsabu qrib il-fruntieri u li huma identifikati bħala stazzjonijiet fejn isiru operazzjonijiet transkonfinali, billi s-sewwieqa inkwistjoni jiġu eżentati mir-rekwiżiti tal-lingwa fil-livell B1.

(3) Bħala prerekwiżit għall-eżenzjoni, għandhom isiru arranġamenti suffiċjenti biex tiġi żgurata l-komunikazzjoni bejn is-sewwieqa inkwistjoni u l-persunal tal-maniġer tal-infrastruttura f'sitwazzjonijiet ta' rutina, dawk perikoluży u ta' emerġenza, sabiex jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv fuq is-sikurezza tas-sistema ferrovjarja.

(4) Għandhom jiġu pprovduti miżuri ta' tranżizzjoni għas-sewwieqa tal-ferroviji li kisbu jew se jiksbu l-liċenzja tagħhom skont id-Direttiva 2007/59/KE qabel id-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.

(5) Id-Direttiva 2007/59/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2007/59/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness VI tad-Direttiva 2007/59/KE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

Is-sewwieqa tal-ferroviji li kisbu jew se jiksbu l-liċenzja tagħhom skont id-Direttiva 2007/59/KE qabel l-1 ta' Lulju 2016 se jitqies li huma konformi mar-rekwiżiti tagħha.

([1]) ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51.

*Artikolu 3*

1. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2016, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju 2016.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza ta' dan it-tip waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir referenza ta' dan it-tip.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

3. L-obbligi għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għar-Repubbika ta' Ċipru u għar-Repubblika ta' Malta sakemm ma tiġix stabbilita sistema ferrovjarja fit-territorji tagħhom.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

Il-punt 8 tal-Anness VI tad-Direttiva 2007/59/KE jinbidel b'dan li ġej:

"8. TESTIJIET TAL-LINGWA

1. Is-sewwieqa li jridu jikkomunikaw mal-amministratur tal-infrastruttura dwar kwistjonijiet essenzjali ta' sigurtà għandhom ikollhom kompetenzi lingwistiċi mill-inqas f'waħda mill-lingwi indikati mill-amministratur tal-infrastruttura kkonċernat. Il-ħiliet lingwistiċi tagħhom għandhom ikunu tali li jistgħu jikkomunikaw attivament u effettivament f'sitwazzjonijiet ta' rutina, dawk perikolużi u ta' emerġenza. Għandhom ikunu kapaċi jużaw il-messaġġi u l-metodu ta' komunikazzjoni speċifikat fit-TSI tal-"Operat u l-Ġestjoni tat-Traffiku".

2. Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti previsti fil-punt 1, is-sewwieqa għandhom ikunu kapaċi jifhmu (kemm mis-smigħ u kif ukoll mill-qari) u jikkomunikaw (kemm mit-taħdit u kif ukoll mill-kitba) fil-livell B 1 tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL) kif stabbilit mill-Kunsill tal-Ewropa ([1]).

3. Fil-każ ta' taqsimiet bejn il-fruntieri u l-istazzjonijiet li jinsabu qrib il-fruntieri u li huma identifikati bħala stazzjonijiet fejn isiru operazzjonijiet transkonfinali, is-sewwieqa ta' ferroviji mħaddma minn impriża ferrovjarja jistgħu jiġu eżentati mill-amministratur tal-infrastruttura mir-rekwiżiti tal-paragrafu 2, dment li tiġi applikata l-proċedura segwenti:

   (a) l-impriża ferrovjarja għandha titlob deroga mingħand l-amministratur tal-infrastruttura għas-sewwieqa kkonċernati. Sabiex ikun żgurat trattament ġust u indaqs tal-applikanti, l-amministratur tal-infrastruttura għandu japplika l-istess proċedura ta' valutazzjoni li għandha tkun parti mid-dikjarazzjoni tan-netwerk, għal kull talba ppreżentata;

   (b) il-maniġer tal-infrastruttura għandu jagħti deroga jekk l-impriża ferrovjarja tkun tista' turi li hija tkun għamlet arranġamenti suffiċjenti biex tiġi żgurata l-komunikazzjoni bejn is-sewwieqa kkonċernati u l-impjegati tal-amministratur tal-infrastruttura f'sitwazzjonijiet ta' rutina, dawk perikolużi u ta' emerġenza, kif previst fil-paragrafu 1;

   (c) l-impriżi ferrovjarji u l-amministraturi tal-infrastruttura għandhom jiżguraw li l-persunal ikkonċernat jaf b'dawn ir-regoli u l-arranġamenti u li jirċievi t-taħriġ xieraq permezz tas-sistemi ta' ġestjoni tas-sikurezza tagħhom."

---

([1]) Il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi: Learning, Teaching, Assessment, 2001 (Cambridge University Press għall-verżjoni bl-Ingliż ISBN 0-521-00531-0). Disponibbli wkoll fuq is-sit web tas-Cedefop: http://www.cedefop.europa.eu/

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2016/883

## tal-31 ta' Mejju 2016

## dwar l-implimentazzjoni ta' regoli għal miżuri ta' sigurtà attwali, stati ta' allert u ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-Kummissjoni skont l-Artikolu 21 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/443 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha,

Billi:

(1) L-objettiv tar-regoli ta' implimentazzjoni għal miżuri ta' sigurtà attwali, stati ta' allert u ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi huwa li jipprovdu livelli xierqa ta' protezzjoni għall-integrità fiżika ta' persuni, bini jew assi oħra b'mod proporzjonat mar-riskji identifikati, filwaqt li jiżguraw sigurtà effiċjenti u f'waqtha.

(2) Is-sistema ta' allert ta' sigurtà tal-Kummissjoni introdotta permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/65/KE ([2]) jeħtieġ li tiġi riveduta u simplifikata biex din issir iktar flessibbli u effettiva bħala rispons għal theddid għas-sigurtà.

(3) L-istabbiliment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) bħala korp funzjonalment awtonomu tal-Unjoni jeħtieġ emenda tar-regoli attwali dwar l-istati ta' allert dwar id-dmir ta' diligenza lejn il-persunal tal-Kummissjoni. Is-SEAE huwa responsabbli mis-sigurtà u s-sikurezza ta' binjiet tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea u tal-persunal li jaħdem hemm.

(4) Din id-Deċiżjoni hija soġġetta għal deċiżjoni ta' għoti ta' setgħa tal-Kummissjoni favur il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għal kwistjonijiet ta' sigurtà, f'konformità sħiħa mar-regoli ta' proċedura interni kif imsemmi fl-Artikolu 21 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/443.

(5) Għalhekk id-Deċiżjoni 2007/65/KE għandha tiġħassar,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU 1

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Definizzjoni

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/443, tapplika d-definizzjoni li ġejja:

"stat ta' allert" tfisser sett ta' miżuri ta' sigurtà maħsuba biex jipprovdu livell speċifiku ta' protezzjoni tal-integrità fiżika ta' persuni, bini jew assi oħrajn fil-Kummissjoni b'mod proporzjonat mat-theddid għas-sigurtà.

([1]) ĠU L 72,17.3.2015, p. 41.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/65/KE tal-15 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-miżuri ta' sigurtà attwali u l-istati ta' allert u li temenda r-Regoli ta' Proċedura tagħha dwar il-proċeduri operattivi għall-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi (ĠU L 32, 6.2.2007, p. 144).

*Artikolu 2*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi miżuri ta' stat ta' allert f'konformità mad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/443 b'anticipazzjoni ta' jew rispons għal theddidiet u inċidenti li jaffettwaw is-sigurtà fil-Kummissjoni u miżuri meħtieġa għall-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi.

2. Sistema ta' sigurtà li tinkludi miżuri ta' sigurtà attwali u tliet stati ta' allert tapplika fil-bini tal-Kummissjoni. Il-miżuri ta' sigurtà attwali u l-istati ta' allert jiġu identifikati permezz ta' kodiċi ta' kulur: ABJAD jikkorrispondi għall-miżuri ta' sigurtà attwali; ISFAR, ORANĠJO u AĦMAR jikkorrispondu għaż-żieda fil-livelli ta' theddid.

3. Din id-Deċiżjoni tapplika għad-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni u fis-siti kollha tal-Kummissjoni li jinsabu ġewwa u barra mill-Unjoni Ewropea soġġetti għal responsabbiltajiet msemmija fl-Artikolu 4.

*Artikolu 3*

**Il-livelli ta' stat ta' allert**

1. Meta ma tkun identifikata l-ebda theddida jew inċident partikolari li jaffettwaw l-integrità ta' persuni, bini jew assi oħra mill-Kummissjoni, japplikaw il-miżuri attwali ta' sigurtà ABJAD. Dawn jintużaw fuq bażi ta' kuljum u huma mfassla biex jiżguraw livell xieraq ta' sigurtà.

2. Meta jsir theddid jew inċident li jaffettwa l-integrità ta' persuni, bini jew assi oħrajn li jista' jkollu effett negattiv fuq il-Kummissjoni jew il-funzjonament tagħha, japplika l-istat ta' allert ISFAR.

3. Meta jsir theddid li jaffettwa l-integrità ta' persuni, bini jew assi oħra mmirati speċifikament lejn il-Kummissjoni jew il-funzjonament tagħha, anki jekk ma tiġi identifikata l-ebda mira jew ħin tal-attakk, japplika l-istat ta' allert ORANĠJO.

4. Meta jsir theddid ta' attakk imminenti li jaffettwa l-integrità ta' persuni, bini jew assi oħra mmirati speċifikament lejn il-Kummissjoni jew il-funzjonament tagħha, japplika l-istat ta' allert AĦMAR.

*Artikolu 4*

**Responsabilitajiet**

1. Il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli mis-sigurtà:

(a) jiddeċiedi f'konsultazzjoni ma' istituzzjonijiet Ewropej u entitajiet Ewropej rilevanti oħra dwar it-tibdil fil-livell tal-istat ta' allert;

(b) jiddeċiedi fuq parir mingħand id-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà, liema miżuri speċifiċi tal-istati ta' allert għandhom jiġu implimentati fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali tas-sigurtà u liema miżuri addizzjonali jeħtieġ li jittieħdu;

(c) jinforma lill-President u lill-Membri l-oħra tal-Kummissjoni b'kull deċiżjoni li tittieħed skont dan l-Artikolu.

2. Id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà:

(a) ikun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-bini tal-Kummissjoni li jinsabu fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

(b) jiżgura kollegament estern kif stabbilit fl-Artikolu 18(2) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/443 f'każ ta' theddid jew inċidenti li jaffettwaw l-integrità fiżika tal-persuni, bini jew assi oħra tal-Kummissjoni;

(c) f'każ ta' urġenza jieħu d-deċiżjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, (a) u (b). Id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà, malajr kemm jista' jkun wara li jittieħdu dawn il-miżuri, jinforma lill-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-Kwistjonijiet ta' Sigurtà dwar il-miżuri u r-raġunijiet għalihom;

(d) jimmonitorja kontinwament it-theddidiet u r-riskji għas-sigurtà.

3. Id-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fl-uffiċċji kollha tiegħu li jinsabu f'pajjiżi terzi.

4. Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u r-Rappreżentanzi Reġjonali.

5. Id-Direttorat Ġenerali għaċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka, ikun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni skont il-bini taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni.

6. Id-Direttorati Ġenerali elenkati hawn fuq jistgħu jieħdu miżuri addizzjonali ta' sigurtà f'każ ta' emerġenza f'konformità ma' din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/443. Id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà jiġi mgħarraf b'dawn il-miżuri mingħajr dewmien.

*Artikolu 5*

**Miżuri**

1. Id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà jieħu u jimplimenta l-miżuri ta' sigurtà skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/443. Lista mhux eżawrjenti ta' miżuri li titħejja u tiġi implimentata mid-Direttorat Ġenerali għar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà.

2. Il-miżuri ta' stat ta' allert ikunu strettament konformi mad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/443. Il-livelli ta' stat ta' allert jiġu definiti f'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi kompetenti ta' istituzzjonijiet Ewropej oħra u entitajiet Ewropej oħra rilevanti u mal-Istati Membri li jospitaw il-binjiet tal-Kummissjoni.

3. Il-livelli ta' stat ta' allert ikunu espressi f'żoni pubbliċi permezz ta' sistema ta' sinjalazzjoni b'kodiċi ta' kuluri u l-kulur ivarja skont il-livell tal-istat ta' allert.

4. Miżuri ta' sigurtà "ABJAD" jiġu stipulati f'avviż ta' sigurtà skont l-Artikolu 21(2) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/443.

KAPITOLU 2

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI U MIXXELLANJI**

*Artikolu 6*

**Trasparenza**

Din id-Deċiżjoni tinġieb għall-attenzjoni tal-persunal tal-Kummissjoni u tal-individwi kollha li tapplika għalihom.

*Artikolu 7*

**Tħassir**

Titħassar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/65/KE.

*Artikolu 8*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-ġħada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Kristalina GEORGIEVA
*Viċi President*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/884

## tal-1 ta' Ġunju 2016

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/88/UE li tissospendi temporanjament l-importazzjonijiet mill-Bangladexx ta' oġġetti tal-ikel li fihom il-weraq Betel ("Piper betle") jew li jikkonsistu minnu, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha

*(notifikata bid-dokument C(2016) 3181)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(i) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-ikel b'mod ġenerali, u b'mod partikolari s-sikurezza tal-ikel, fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali. Dan jipprevedi miżuri ta' emerġenza li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni meta jkun evidenti li ikel impurtat minn pajjiż terz x'aktarx huwa ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/88/UE ([2]) tipprojbixxi l-importazzjoni fl-Unjoni ta' oġġetti tal-ikel li fihom jew jikkonsistu mill-weraq Betel mill-Bangladexx sal-31 ta' Lulju 2014. Id-Deċiżjoni ġiet adottata wara li kienu trażmessi għadd kbir ta' notifiki lis-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) minħabba l-preżenza ta' firxa wiesgħa ta' razez tal-mikrobu tas-*salmonella*, inkluża s-*salmonella typhimurium*, misjuba f'oġġetti tal-ikel li fihom jew li jikkonsistu minn weraq Betel mill-Bangladexx. Dan huwa t-tieni l-aktar irrappurtat serotip tar-razza *salmonella typhimurium* f'każijiet fil-bniedem u nstabu prevalenzi għolja f'oġġetti tal-ikel li fihom jew li jikkonsistu minn weraq Betel (magħrufa b'mod komuni bħala "Paan leaf" jew "Betel quid") mill-Bangladexx. Mill-2011, ir-Renju Unit irrapporta bosta tifqigħat ta' avvelenament tas-*salmonella* mill-weraq Betel.

(3) Billi l-Bangladexx ma setax jipprovdi garanziji li jiżguraw li l-importazzjonijiet ta' weraq Betel fl-Unjoni u minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni, id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/510/UE ([3]) u (UE) 2015/1028 ([4]) estendew il-perjodu ta' applikazzjoni tas-sospensjoni temporanja tal-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti kif stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/88/UE, sat-30 ta' Ġunju 2015 u sat-30 ta' Ġunju 2016 rispettivament.

(4) Il-pjan ta' azzjoni rivedut ippreżentat mill-Bangladexx f'Awwissu 2015 ma kienx komplut. Ma kien hemm l-ebda garanzija dwar l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tagħha. L-informazzjoni l-ġdida ppreżentata mill-Bangladexx f'April 2016 ma tkomplix turi l-effettività ta' dak il-pjan ta' azzjoni. Il-projbizzjoni awtoimposta fuq l-esportazzjoni tal-weraq Betel introdotta mill-Bangladexx f'Mejju 2013 tibqa' fis-seħħ. Madankollu, din ma tatx prova li hi effettiva għalkollox u mill-adozzjoni tagħha, is-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) irċiviet rapporti dwar 26 każ ta' tentattiv ta' importazzjoni tal-weraq Betel fl-Unjoni. Għalhekk, il-garanziji mogħtija mill-Bangladexx mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw ir-riskji serji għas-saħħa tal-bniedem. Il-miżuri ta' emerġenza stabbiliti bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/88/UE għalhekk għandhom jibqgħu fis-seħħ.

(5) Il-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/88/UE għalhekk għandu jerġa' jiġi estiż.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/88/UE tat-13 ta' Frar 2014 li tissospendi temporanjament l-importazzjonijiet mill-Bangladexx ta' oġġetti tal-ikel li fihom il-weraq Betel ("Piper betle") jew li jikkonsistu minnu (ĠU L 45, 15.2.2014, p. 34).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/510/UE tad-29 ta' Lulju 2014 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/88/UE li tissospendi temporanjament l-importazzjonijiet mill-Bangladexx ta' oġġetti tal-ikel li fihom il-weraq betel ("Piper betle") jew li jikkonsistu minnu (ĠU L 228, 31.7.2014, p. 33).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1028 tas-26 ta' Ġunju 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/88/UE li tissospendi temporanjament l-importazzjonijiet mill-Bangladexx ta' oġġetti tal-ikel li fihom il-weraq Betel ("Piper betle") jew li jikkonsistu minnu, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tagħha (ĠU L 163, 30.6.2015, p. 53).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/88/UE jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tapplika sat-30 ta' Ġunju 2018."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni*
Vytenis ANDRIUKAITIS
*Membru tal-Kummissjoni*

# RETTIFIKA

## Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 tat-18 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 139 tas-26 ta' Mejju 2016)*

Jiddaħħal l-Anness II kif ġej:

*"ANNESS II*

**MARKA U ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI**

I. MARKA TAL-APPROVAZZJONI

1. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun magħmula minn:

(a) rettangolu, li ġo fih għandha tiddaħħal l-ittra 'e' segwita minn numru jew ittra li jiddistingwu l-pajjiż li jkun ħareġ l-approvazzjoni skont is-sinjali konvenzjonali li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | 6. |
| Il-Bulgarija | 34, |
| Ir-Repubblika Ċeka | 8, |
| Id-Danimarka | 18, |
| Il-Ġermanja | 1, |
| L-Estonja | 29, |
| L-Irlanda | 24, |
| Il-Greċja | 23, |
| Spanja | 9, |
| Franza | 2, |
| Il-Kroazja | 25, |
| L-Italja | 3, |
| Ċipru | CY, |
| Il-Latvja | 32, |
| Il-Litwanja | 36, |
| Il-Lussemburgu | 13, |
| L-Ungerija | 7, |
| Malta | MT, |
| In-Netherlands | 4, |
| L-Awstrija | 12, |
| Il-Polonja | 20, |
| Il-Portugall | 21, |
| Ir-Rumanija | 19, |
| Is-Slovenja | 26, |
| Is-Slovakkja | 27, |
| Il-Finlandja | 17, |
| L-Iżvezja | 5, |
| Ir-Renju Unit | 11, |

kif ukoll

(b) numru tal-approvazzjoni li jikkorrispondi għan-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni mfassal għall-prototip tal-apparat ta' reġistrazzjoni jew il-folja ta' reġistrazzjoni jew għan-numru tal-kard tat-takografu, imqieġħed fil-qrubija immedjata ta' dak ir-rettangolu.

2. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tintwera fuq il-plakka deskrittiva ta' kull sett ta' apparat u fuq kull folja ta' reġistrazzjoni u fuq kull kard tat-takografu. Trid tkun ma titħassarx u trid tibqa' dejjem tinqara b'mod ċar.

3. Id-dimensjonijiet tal-marka tal-approvazzjoni impinġija hawn isfel [1] huma espressi f'millimetri, u dawn id-dimensjonijiet huma l-minimi. Il-proporzjonijiet bejn id-dimensjonijiet iridu jinżammu.




[1] Din il-grafika qed tintwera biss bhala gwida.

II. ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI GĦAL TAKOGRAFI ANALOĠIĊI

Stat Membru li jkun ħareġ approvazzjoni għandu jipprovdi lill-applikant ċertifikat tal-approvazzjoni, li l-mudell tiegħu jinsab hawn isfel. Meta jinforma lil Stati Membri oħra dwar approvazzjonijiet maħruġa jew, jekk tinqala' l-okkażjoni, irtirati, Stat Membru għandu juża kopji ta' dak iċ-ċertifikat.

ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI

Isem l-amministrazzjoni kompetenti .....

Notifika li tikkonċerna [1]:

— l-approvazzjoni tat-tip ta' apparat ta' reġistrazzjoni:

— l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip ta' apparat ta' reġistrazzjoni

— l-approvazzjoni ta' mudell ta' folja ta' reġistrazzjoni

— l-irtirar ta' approvazzjoni ta' mudell ta' folja ta' reġistrazzjoni

Nru tal-Approvazzjoni:

.....

1. Marka jew isem kummerċjali .....
2. Isem it-tip jew il-mudell .....
3. Isem il-manifattur .....
4. Indirizz tal-manifattur .....
5. Imressaq għall-approvazzjoni fi .....
6. Ittestjat (post) .....
7. Data u numru tat-test(ijiet) .....
8. Data tal-approvazzjoni .....
9. Data tal-irtirar tal-approvazzjoni .....
10. Tip jew tipi ta' apparat ta' reġistrazzjoni li l-folja hija mfassla biex tintuża fihom
11. Post .....
12. Data .....
13. Documenti deskrittivi mehmużin .....
14. Rimarki (inkluż il-pożizzjoni tas-siġilli jekk hu applikabbli)

(Firma)

[1] Ħassar fejn mhux applikabbli.

III. ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI GĦAT-TAKOGRAFI DIĠITALI

Stat Membru li jkun ħareġ approvazzjoni għandu jipprovdi lill-applikant ċertifikat tal-approvazzjoni, li l-mudell tiegħu jinsab hawn isfel. Meta jinforma lil Stati Membri oħra dwar approvazzjonijiet maħruġa jew, jekk tinqala' l-okkażjoni, irtirati, Stat Membru għandu juża kopji ta' dak iċ-ċertifikat.

ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI GĦAT-TAKOGRAFI DIĠITALI

Isem l-amministrazzjoni kompetenti .....

Notifika li tikkonċerna [1]:

☐ approvazzjoni ta': ☐ irtirar tal-approvazzjoni ta':

☐ mudell ta' tagħmir ta' reġistrazzjoni

☐ komponent ta' tagħmir ta' reġistrazzjoni [2]

☐ kard tas-sewwieq

☐ kard tal-workshop

☐ kard tal-kumpanija

☐ kard tal-kontrollur

Nru tal-Approvazzjoni:

.....

1. Ditta tal-manifattura jew marka kummerċjali .....
2. Isem il-mudell .....
3. Isem il-manifattur .....
4. Indirizz tal-manifattur .....
5. Imressaq għall-approvazzjoni għal .....
6. Laboratorju/i .....
7. Data u numru tar-rapport dwar it-test .....
8. Data tal-approvazzjoni .....
9. Data tal-irtirar tal-approvazzjoni .....
10. Mudell tal-apparat(i) ta' reġistrazzjoni li l-komponent hu ddisinjat li jintuża fih(om)
11. Post .....
12. Data .....
13. Dokumenti deskrittivi mehmużin .....
14. Rimarki (inkluż il-pożizzjoni tas-siġilli, jekk applikabbli)

(Firma)

[1] Immarka l-kaxex rilevanti.
[2] Speċifika l-komponent ittrattat fin-notifika.

IV. ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI GĦAL TAKOGRAFI INTELLIĠENTI

Stat Membru li jkun ħareġ approvazzjoni għandu jipprovdi lill-applikant ċertifikat tal-approvazzjoni, li l-mudell tiegħu jinsab hawn isfel. Meta jinforma lil Stati Membri oħra dwar approvazzjonijiet maħruġa jew, jekk tinqala' l-okkażjoni, irtirati, Stat Membru għandu juża kopji ta' dak iċ-ċertifikat.

ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI GĦAL TAKOGRAFI INTELLIĠENTI

Isem l-amministrazzjoni kompetenti .....

Notifika li tikkonċerna ([1]):

☐ approvazzjoni ta': ☐ irtirar tal-approvazzjoni ta':

☐ mudell ta' tagħmir ta' reġistrazzjoni

☐ komponent ta' tagħmir ta' reġistrazzjoni ([2])

☐ kard tas-sewwieq

☐ kard tal-workshop

☐ kard tal-kumpanija

☐ kard tal-kontrollur

Nru tal-Approvazzjoni:

.....

1. Ditta tal-manifattura jew marka kummerċjali .....
2. Isem il-mudell .....
3. Isem il-manifattur .....
4. Indirizz tal-manifattur .....
5. Imressaq għall-approvazzjoni għal .....
6. (a) Test tal-laboratorju għaċ-ċertifikazzjoni funzjonali .....
   (b) Test tal-laboratorju għaċ-ċertifikazzjoni tas-sikurezza .....
   (c) Test tal-laboratorju għal ċertifikazzjoni tal-interoperabilità .....
7. (a) Data u numru tar-rapport taċ-ċertifikat funzjonali .....
   (b) Data u numru tar-rapport taċ-ċertifikat tas-sigurtà .....
   (c) Data u numru tar-rapport taċ-ċertifikat tal-interoperabilità .....
8. Data tal-approvazzjoni .....
9. Data tal-irtirar tal-approvazzjoni .....
10. Mudell tal-apparat(i) ta' reġistrazzjoni li l-komponent hu ddisinjat li jintuża fih(om)
11. Post .....
12. Data .....
13. Documenti deskrittivi mehmużin .....
14. Rimarki (inkluż il-pożizzjoni tas-siġilli, jekk applikabbli)

(Firma)

([1]) Immarka l-kaxex rilevanti.
([2]) Speċifika l-komponent ittrattat fin-notifika."

**Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/535 tal-5 ta' April 2016 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 dwar l-entrata ta' Singapore fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji u partijiet minnhom minn fejn hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' laħam frisk**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 89 tas-6 ta' April 2016)*

F'paġna 13, fl-Anness, fil-mudell taċ-ċertifikat veterinarju NZ-TRANSIT-SG, il-punt II.1. Attestazzjoni tas-saħħa, fl-aħħar linja tal-punt II.1.3:

*minflok:* "ir-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsima I u V rispettivament tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004.",

*aqra:* "ir-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsima I u V rispettivament tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT